MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

[Nhar il-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

69.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġiji

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

69.2.1 B'referenza għal punt 68.2.1 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-prezz huwa ta' €24,728.77 u qegħda fil-PAS tal-laqgħa.

69.2.2 B'referenza għal punt nrt 68.2.2, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istreet naming committee qablu li l-parti ta' triq San Ġorġ c/w Rue D'Argens sa c/w Edgar Bernard issir triq Albert Rizzo. Is-Sindku qal illi dik it-triq għanda tinfetaħ sax-Xatt u li l-isem għanda tinbiddel mill-bidu sal-aħħar. Il-kunsillier Wayne Hewitt issekondaħ. Il-Kunsill qabel.

69.2.3 B'referenz għal punt nru. 68.2.4 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasalna biex nagħmlu l-magħdum. Il-Viċi Sindku staqsa meta għandna nlestu l-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm tlett xhur minn meta bdejna l-proġett tlett ġimgħat qabel.

69.2.4 B'referenza għal punt nru 68.2.5 is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li skond l-istattistiċi l-ġodda l-Kunsill jista jimpjega persuna oħra, kif ukoll wieħed extra . Issuġerixxa li nibdew il-proċess biex insibu Clerk Skala 15. Il-Kunsill qabel.

69.2.5 B'referenza għal punt 68.6.2, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sindku ta' Pozega għadu rrid jikkonferma meta jista jiġi Malta.

69.2.6 Il-kunsillier staqsiet jekk il-Multi Purpose Room se tkun armata kompletament. Is-Sindku rrisponda li iva. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat lista tal-affarijiet li se jkunu fit-tender.

69.2.7 Il-Minuti ġew approvati u ffirmati.

## 69.3 Korrespondenza mas-Sindku

69.3.1 GDPR: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'Jannar se jkun hemm kors organizzat minn ANSEK dwar GDPR. Qal illi kunsilliera jistgħu jattendu. Qal illi hu, flimkien ma impjegat tal-Kunsill, se jkunu preżenti peress illi din hija suġġett importanti ħafna għall-kunsilli llum il-ġurnata fejn il-penali huma għoljin għall-ksur tal-liġi. Qal illi l-ħlas ta' kull parteċipant huwa ta' €175. Il-kunsilliera qablu waqt illi min hu interessat għandu jikkonferma wara l-laqgħa.

## 69.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

69.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 69.5 Rapporti

69.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet għar-rilaxx ta'garanzija fuq il-bankina:

Triq Edgar Bernard: Il-kunsilliera qablu li tiġi rilaxxata l-garanzija
Triq Nazju Ellul: Il-kunsilliera qablu li tiġi rilaxxata l-garanzija
Triq San Albert: Il-kunsilliera qablu li tiġi rilaxxata l-garanzija

69.5.2 **Tender Accountant:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kien hemm l-ebda appell u b'hekk il-kuntrattur issa hu kkonfermat.

69.5.3 **Tender Niċċa**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi t-tender ingħalqet ġurnata qabel il-laqgħa u se ssir l-evalwazzjoni fil-ġranet illi ġejjin. Is-Sindku ppropona li naqbdu u napprovaw l-irħas bidder compliant skond x'jaħsbu l-evaluators illi se jkunu impjegata tal-MTIP, kif ukoll hu. Il-Kunsill qabel.

69.5.4 **Tender Waste Collection:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm bidder wieħed bil-prezz ta' €171,600 fis-sena. Dan jiġi €550 kuljum. Fakkar illi l-WasteServ għandom iħallsu lura għas-servizz tal-borza s-sewda u b'hekk il-Kunsill se jħallas madwar €120,000 fis-sena. Il-Kunsill qabel illi naċċettaw ir-rapport.

69.5.5 **Performance Appraisal**: Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-full performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Viċi Sindku ssekondah u l-Kunsill qabel.

69.5.6 **Siġġu Vakanti**: Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu illi ħadd ma tefa n-nomina fl-elezzjoni kazwali u hemm bzonn illi ssir co-option.

69.5.7 **Deputat Segretarju Eżekuttiv**: Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kunsill jaqblu li s-sur Michael Portelli jibqa bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil illi jibqa fil-kariga.

## 69.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

69.6.1 Is-Sindku qal illi fl-20 ta' Diċembru se jkun hemm diskussjoni dwar l-outline permit ta' Manoel Island fl-10am [PA] għal min jixtieq jattendi. Qal illi se jkun rapprezentant tal-Bord.

69.6.2 Kameras: Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qalu li hemm ix-xewqa li naħdmu bil-kameras/sensors li huma teknoloġija moderna ħafna izda jista jkun illi din ġejja fit-tul. Il-Kunsill se jixtri ftit units ta' CCTV normali biex ikun hemm sistema fil-preżent.

69.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-Bye Law dwar il-kostruzzjoni ma ġietx aċċettata.

69.6.4 Il-kunsillier Neville Chetcuti staqsa meta se jaslu l-4 bins tal-WasteServ li għandom jitqassmu lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rrispondewx l-emajls tiegħu.

69.6.5 Il-Viċi Sindku staqsa jekk huwa possibli li niġbru l-ħġieġ darbtejn fix-xahar għall-ħwienet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-GreenPak jiġbru l-ħġieġ u se jara magħhom.

69.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-BOQ biex isiru l-bankini ta' triq Bouverie mill-kantuniera ta' Moroni sal-kantuniera ma San Albert. Il-Kunsill qabel fuq il-prezz ta' ftit inqas minn €30,000 biex ikunu baġited għall-proġett.

69.6.7 Is-Sindku qal illi jixtieq illi nagħmlu vidjo edukattiva, u professjonali, rigward is-separazzjoni tal-iskart u dwar l-importanza li l-

69.6.8 Ġie diskuss il-kumpens għall-vetturi li ġabru ħsarat minħabba l-istat tat-toroq fejn dawn bagħtu d-dokumenti meħtieġa. Is-Sindku ppropona li nħallsu lura la nafu li kien hemm problemi fit-triq nhar is-Sibt 13 ta' Ottubru. Kien hemm qbil ħlief mill-kunsillier Wayne Hewitt illi qal illi minn dejjem kien kontra li nħallsu meta qatt ma jkun hemm provi mija fil-mija, li ġabru l-ħsarat fuq il-post.

Is-Sindku għamel referenża għal xogħol illi sar illegalment ġewwa triq Stuart. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi nirranġaw il-problema aħna u nibagħtu l-kont lil min ħa l-liġi f'idejh.

## 69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

69.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 69.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

69.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għat- fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv